# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 293/2017**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Massimo Bonello**

Illum 20 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Massimo Bonello**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 522073(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-3 ta' Mejju 2013 fil-Qorti ta' Malta, fil-belt Valletta u f'xi żmien qabel din id-data:

1. irrenda ruħu kompliċi ta' delitt ta' għoti ta' xhieda falza fi proċeduri kriminali dwar reat, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkużata;

2. irrenda ruħu kompliċi ta' delitt ta' ħalf falz quddiem Imħallef, Maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti ġurament meta l-ġurament kien meħtieġ mil-liġi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' waħda mill-Qrati ta' Malta;

3. fi proċeduri kriminali, ikkorrompa xhud u ċioè lil Marie Louise Pearson sabiex tagħti xhieda falza (liema xhieda ngħatat quddiem il-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D. nhar it-3 ta' Mejju 2013 fil-Qrati ta' Malta);

4. irrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li, f'każ ta' kundanna, tapplika espressament l-piena ta' interdizzjoni ġenerali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' Ġunju 2017 fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni u minnhom illiberatu u fejn sabet li l-imputazzjoni dwar ir-reċidiva ma tirriżultax (ċioè l-imputazzjoni mmarkata minn din il-Qorti bin-numru erbgħa (4)), wara li rat Artikolu 102(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tat-tielet (3) imputazzjoni u kkundannatu għaxar (10) xhur priġunerija. Wara li rat Artikolu 109 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti applikat il-piena ta' interdizzjoni ġenerali kontra l-imputat kif ukoll l-interdizzjoni milli jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja, u bħala perit, f'kull każ li jkun għal żmien għaxar (10) snin mid-data tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2017 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza appellata talab lil din il-Qorti sabiex:

*"tirriforma s-sentenza billi:*

- *tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u ċjoè fl-ewwel u fit-tieni imputazzjoni;*

- *tħassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu ħati u ċjoè fit-tielet imputazzjoni, u kwindi tilliberah skont il-liġi minn din l-imputazzjoni, ħtija u piena, **u**, mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, alternattivament, tirriformaha in rigward l-piena nflitta u ċjoè fit-tielet imputazzjoni u tinfliġġi piena inqas ħarxa u iktar idonea u li tirrispekkja l-każ in eżami."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti ta' dan il-każ huma s-segwenti: Fis-sena 2008 l-appellant kien involut f'inċident tat-traffiku ma' persuna bl-isem ta' Inna Said li kienet fit-triq waqt li hu kien qed isuq xarabank. Meta l-appellant tressaq il-Qorti akkużat b'numru ta' imputazzjonijiet relatati mal-inċident stradali, huwa ġie liberat minnhom għajr għal dik li ma kellux liċenzja mġedda. Jirriżulta li ċertu Maria Louise Pearson ittelgħet tixhed fil-proċeduri kontra l-appellant fir-rigward tal-inċident stradali. Fil-proċeduri quddiem l-Ewwel

Qorti li tat is-sentenza appellata u li dwarha qed tingħata din is-sentenza xehdu, fost l-oħrajn, Pearson u l-appellant Massimo Bonello:

- **Maria Louise Pearson** qalet li fil-ġurnata li attendiet il-Qorti rat lill-appellant li qalilha x'kellha tgħid fix-xiehda tagħha u ċioè x'kienet il-veloċita' li kien għaddej biha, li ratu jaħbat u li rat lin-nies jinżlu u li kien hemm paniku u li wara l-appellant beda jċempel l-ambulanza biex jgħin lill-vittma li kienet mal-art u li wara dan hija telqet minn fuq il-post. Tgħid li kienet tibża' mill-appellant għax kien jirrikattaha li jirrapurtaha u joħdilha t-tfal. Tispjega li fil-ġurnata li hi kellha tixhed, l-appellant ma kienx heddidha imma l-ħarsa tiegħu kienet taf xi tfisser u ċioè li jekk ma tagħmilx dak li ried hu kien se jiddispjaċiha.

- L-appellant **Massimo Bonello** xehed li kien f'relazzjoni ma' Pearson u li wara l-inċident stradali kien mar jitlaqa' miegħu r-raġel ta' Inna Said fejn qal li kien offrielu xi flus biex hu (Bonello) jammetti t-tort. Jgħid li meta kienet qed tinstema' l-kawża kriminali kontra tiegħu rigward l-inċident stradali, Pearson talbitu biex titla' tixhed iżda hu qalilha li ma kienx hemm bżonn pero' xorta telgħet tixhed wara li nforma lill-konsulent legali tiegħu biex jinkludieha bħala xhud. Meta ġie mistoqsi jgħid x'kien intqal dakinhar li Maria Louise Pearson telgħet tixhed, l-appellant wieġeb li ma kien qalilha xejn. Jisħaq li kieku Pearson kienet tibża' minnu ma kienx ikollha tifel miegħu u ma kienx ikollha relazzjoni miegħu ta' sitt snin u lanqas tmur tagħmel viżti l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin fejn kien hu.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-appell imressaq mill-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi l-aggravju tal-appellant f'dan il-każ huwa kif isegwi: ix-xhud Maria Louise Pearson kienet għamlet snin tgħix miegħu u li allura

t-teżi tax-xiehda ta' Pearson li kienet imwerwra minnu ma treġix għal skopijiet penali fejn il-prova trid tkun stabbilita *beyond a resonable doubt*. Jisħaq li fil-każ odjern Pearson irċeviet riferta sabiex tixhed. Jgħid li kienet semgħet bl-istorja ta' kif seħħ l-inċident stradali minnu u dan stante illi għal diversi snin wara li seħħ il-każ Buġibba fejn intlaqtet Inna Said, hi kienet tgħix permezz ta' koabitazzjoni miegħu. Jgħid li dak li jrid jiġi eżaminat huwa s-segwenti u jistaqsi: ħarsa lil persuna eks maħbuba minn priġunier twassal għal konvinzjoni morali illi ġiet forzata *"coazione morale o fisica?"*. Jgħid li skont Artikolu 102(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-korruzzjoni trid tkun seħħet permezz ta' wegħdi, ħlasijiet, servizzi mwegħda, vjolenza morali jew fiżika u mhux bi pjaċir deċiż mix-xhud li tkun iddeċidiet hija stess li tivvinta storja fuq il-pedana tax-xhieda. Jagħmel riferenza għal sentenza mogħtija fis-16 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Pace et** u jgħid li f'din is-sentenza l-Qorti tal-Appell illiberat lill-appellant f'dak il-każ mill-ħtija misjuba fuq imputazzjoni simili ta' korruzzjoni ta' xhud u jgħid li element *sine qua non* fis-sentenza msemmija huwa li l-każ irid ikun akkumpanjat *"b'theddid, rigali jew wegħdiet."* Jgħid li ma jirriżultax li l-appellant ikkorrompa lill-istess xhud u li hu ma setax jagħmel wegħdi jew jagħti rigali meta sena qabel kienu reġgħu rranġaw. Parti mill-aggravju tal-appellant huwa dwar il-kredibilita' tax-xhud Pearson li kienet minn jeddha tmur iżżuru fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Għandu jingħad li fl-istqarrija tiegħu (*a fol.* 3 *et seq.*) l-appellant kien qal li hu u x-xhud kienu reġgħu rranġaw fis-sena 2012.

**Ikkunsidrat**

<u>Konsiderazzjonijiet dwar *"theddid, rigali jew wegħdiet"*</u>:

Illi jibda billi jingħad li l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant u li huwa ġie misjub ħati tagħha mill-Ewwel Qorti hija dik li temerġi minn Artikolu 102(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li ġiet imsemmija mill-Ewwel Qorti fid-*decide* tas-sentenza appellata meta sabet ħtija fl-appellant u kif *del resto* jidher mill-kliem użat fiċ-ċitazzjoni. F'Artikolu 102(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta mkien ma jissemma *"theddid, rigali jew wegħdiet."* Għal kull buon

fini jiġi nnutat li Artikolu 102 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie emendat darbtejn minn dakinhar li ngħatat is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Pace et** fis-16 ta' Diċembru 1997. Dawn iż-żewġ emendi kienu s-segwenti:

- b'Att Numru III tal-2002 il-kliem *"b'theddid, rigali jew wegħdiet"* ġew imħassra minn Artikolu 102(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u

- b'Att Numru XXXI tal-2007 ġie miżjud Artikolu 102(ċ) fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jirreferi għal korruzzjoni li tkun saret bl-użu ta' forza, theddid, biża' jew bit-twegħid, offerta jew għoti ta' xi vantaġġ mhux dovut sabiex tinġiegħel li tingħata xiehda falza.

Illi b'hekk isegwi li s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Pace et** li jibbaża fuqu l-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu ġiet mogħtija meta Artikolu 102 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kien għadu mhux kif inhu llum u għaldaqstant din il-Qorti għandha tikkunsidra l-emendi li biddlu dan l-artikolu minn meta ngħatat is-sentenza li għaliha saret referenza. Barra dan il-bdil, din il-Qorti trid tikkunsidra wkoll li waqt li s-sentenza msemmija hawn fuq tirreferi għal Artikolu 102(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, id-diċitura tat-tielet (3) imputazzjoni li tagħha l-appellant instab ħati quddiem l-Ewwel Qorti hija dik ta' Artikolu 102(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li, kif diġà ngħad, imkien ma jsemmi l-kliem *"theddid, rigali jew wegħdi"*.

Illi din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qalet hekk:

> "Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova t-tielet imputazzjoni lil hinn minn kull dubju raġjonevoli. B'danakollu l-Qorti hija tal-fehma li l-imputat għandu jinstab ħati ta' din l-impjutazzjoni iżda mhux bl-aggravanti *ai termini* tal-Artikolu 102(ċ) tal-Kodiċi Kriminali peress li ma nġabitx prova suffiċjenti li l-imputat eżerċita xi tip ta' forza theddid, biża, jew bit-

tweghid, offerti jew għoti ta' xi vantaġġ mhux dovut lil Mary Louise Pearson."

Illi fil-fatt, kif diġà ngħad aktar 'il fuq, fid-*decide* tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti għamlet riferenza għal Artikolu 102(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux għal Artikolu 102(ċ) tal-istess Kapitolu. B'hekk l-Ewwel Qorti imkien fis-sentenza ma ddeċidiet li kien hemm xi theddid jew rigali minn naħa tal-appellant u ddeċidiet skont dak li jiddisponi Artikolu 102(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għar-raġunijiet mogħtija fil-paragrafi preċedenti, dik il-parti tal-aggravju tal-appellant dwar il-ħtieġa tal-element tat-theddid, wegħdiet, jew rigali biex jissussisti r-reat qed tkun miċħuda.

Konsiderazzjonijiet dwar il-kredibilita' ta' Maria Louise Pearson:
Illi f'din il-kawża l-Qorti qed tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet konfliġġenti u minkejja li kunflitt fil-provi għandu jmur a benefiċċju tal-imputat, pero' fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deċiża fid-19 ta' Mejju 1997, din il-Qorti diversament preseduta rriteniet is-segwenti:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Illi l-Qorti tagħmel ukoll riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** (Numru 128/2002) fejn din il-Qorti diversament preseduta spjegat x'jiġri meta Ġudikant ikun rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti u ċioè jistgħu jiġru żewġ affarijiet u ċioè jew il-Ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-

imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** (Numru 436/2009) mogħtija fit-2 ta' Frar 2012, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qegħdin jagħtu verżjoni differenti minn oħrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi għax hemm xhieda differenti bil-fors hemm kunflitt li għandha twassal għal liberatorja. Fil-kawża **Pulizija vs. Joseph Thorn** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet:
>
> *"... mhux kull kunflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti f'każ ta' kunflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annunċjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal għal konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t'Ottubru 2006)."[1]

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** (Numru 38/2011) deċiża fil-31 ta' Ottubru 2013, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Ma hemm xejn ħażin illi l-Qorti tistrieħ fuq xhud wieħed biss kif *del resto* hija ntitolata li tagħmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jgħid illi xhud wieħed jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Naturalment din

[1] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et**, 17 ta' Settembru 2012; **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech**, 17 ta' Settembru 2012; **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali**, 24 ta' Jannar 2013; **Il-Pulizija vs. Mario Pace**, 6 ta' Frar 2013; **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt**, 11 ta' Lulju 2013.

> ix-xhud tkun trid tiġi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida mogħtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9."

Illi l-appellant jinsisti li Pearson u hu kienu rranġaw u li Pearson ma kellhiex minn xiex tibża' u li kienet hi li ħadet l-inizjattiva biex tixhed meta hija ma kinitx preżenti fuq ix-xarabank li kien qed isuq.

Illi din il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Quddiem l-Ewwel Qorti ġiet eżebita s-sentenza li ġiet mogħtija fil-15 ta' Frar 2016 (Dok. "KB 1" – *a fol.* 79 *et seq.*) fejn Maria Louise Pearson ġiet misjuba ħatja talli tat xiehda falza fi proċeduri kriminali dwar reat sew kontra kemm favur Massimo Bonello u talli ħalfet il-falz fejn hi ġiet ikkundannatha sentejn (2) priġunerija t-terminu ta' liema ġie sospiż għal erba' (4) snin u fejn ġiet applikata fil-konfront tagħha interdizzjoni ġenerali kif ukoll interdizzjoni milli sservi bħala xhud, ħlief quddiem il-Qrati ta' Ġustizzja, u bħala perit, għal żmien għaxar (10) snin.

- Mix-xhieda ta' Maria Louise Pearson jirriżulta li kienet telgħet il-Qorti għaliex irċeviet *"karta"* biex tidher. Meta marret il-Qorti ltaqgħet mal-appellant u dan qalilha biex tgħid b'kemm kien għaddej, li hija telgħet fuq tal-linja, li ma tafx f'liema *seat* kienet qegħda, li ratu jaħbat, li hija niżlet wara n-nies u li l-appellant beda jċempel l-ambulanza biex jgħin lill-mara. L-aħħar li kienet tkellmet miegħu qabel xehdet quddiem l-Ewwel Qorti kien madwar sena qabel id-9 ta' Mejju 2016. Fil-<u>kontro-eżami</u> Pearson wieġbet li meta l-appellant kien iċemplilha kien jgħajjat ħafna fuq il-*mobile*, kien jidgħi ħafna, u kien dejjem jirrikattaha u jheddidha – iżda qatt ma kien heddidha bis-swat. Xehdet li kellha paniku kbir meta marret biex tixhed għax kienet taf li kienet qegħda tagħmel ħażin u tgħid li ma riedet tweġġa' lil ħadd imma li għamlet għamlitu għax riedet iżomm lit-tfal *safe*. Tgħid li kien l-appellant li qalilha b'kemm kien għaddej u li hi kienet wieġbet skont kif qalilha l-appellant.

- Minn naħa l-oħra l-appellant qal li kellu relazzjoni ma' Pearson li damet sitt snin. Kien hu li ta isem Pearson lill-avukat tiegħu biex iħarrikha. Hu qatt ma ried jammetti t-tort tal-inċident stradali bix-xarabank. Fil-kontro-eżami huwa qal li kienet Pearson li talbitu biex titla' tixhed. Għad-domanda tal-Prosekuzzjoni: *"Hi kienet passiġġiera miegħek fix-xarabank dakinhar?"* (*a fol.* 101), wieġeb: *"Ma kinitx passiġġiera miegħi"* (*a fol.* 101). L-appellant baqa' jinsisti li hi riedet titla' tixhed. Jgħid li fis-sena 2013 ma kinux jgħixu flimkien u kien hu li wassal isimha lill-avukat tiegħu. L-appellant qal li ħdejn l-awla ma kien qalilha xejn lil Pearson u li ma kienu tkellmu xejn fuq il-kawża u żied jgħid li lanqas biss kien jaf biha. Qal ukoll li dwar it-tfal ma kellha x'tibża' minnu xejn u li f'perjodu ta' sentejn il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin hija kienet marret tarah tliet darbiet.

- Din il-Qorti diversament preseduta laqgħet talba sabiex l-appellant jiġi awtorizzat jeżebixxi CD li jikkontjeni żewġ filmati meħuda minn fuq *Facebook* fejn Publius sive Leo Said, li qal li huwa r-raġel tal-mara li kienet involuta fl-inċident stradali max-xarabank misjuqa mill-appellant, stqarr li kien tkellem ma' Maria Louise Pearson dwar ix-xiehda tagħha fil-proċeduri kontra l-appellant rigward l-inċident stradali. In fatti fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2020 xehdet oħt l-appellant (*a fol.* 164 *et seq.*) quddiem din il-Qorti diversament preseduta fejn ikkonfermat li hija kienet niżżlet iż-żewġ filmati li hemm fis-CD (*a fol.* 160).

Illi din il-Qorti tinnota li l-atti proċesswali quddiem l-Ewwel Qorti ma kienux jikkontjenu ż-żewġ filmati msemmija hawn fuq. Rigward dawn iż-żewġ filmati u l-kontenut tagħhom, wara li din il-Qorti rat il-filmati li hemm fis-CD (*a fol.* 160) tinnota li dak li ngħad minn Said f'dawn il-filmati ma ngħadx bil-ġurament u dan għal kuntrarju ta' dak li qalet Pearson quddiem l-Ewwel Qorti li ngħad bil-ġurament. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li hija għandha d-dubji tagħha dwar il-veraċita' ta' dak li ngħad minn Said f'dawn iż-żewġ filmati u dana b'mod partikolari, però mhux limitatament, minħabba l-fatt li meta l-appellant xehed quddiem l-

Ewwel Qorti huwa xehed li wara l-inċident stradali kien mar jitlaqa' miegħu r-raġel ta' Inna Said fejn qal li kien offrielu xi flus biex hu (Bonello) jammetti t-tort.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, wara li din il-Qorti qrat bir-reqqa x-xiehda mogħtija kemm ta' Pearson u kif ukoll tal-appellant quddiem l-Ewwel Qorti, tasal għal konklużjoni li ma teżisti l-ebda raġuni għala għandha tbiddel id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti. Fis-sentenza tagħha, l-Ewwel Qorti qalet hekk:

> "Illi din il-Qorti m'għandiex għalfejn tiddubita dak li xehdet Mary Louise Pearson u temmen li fil-fatt l-imputat, qabel ma daħlet tixhed, qalilha x'għandha tgħid. Nonostante li l-imputat jiċħad b'mod kategoriku illi huwa għamel dan, il-provi miġjuba jindikaw il-kuntrarju. L-ewwel u qabel kollox jirriżulta illi kien huwa li indika lid-difensur tiegħu l-isem ta' Pearson. Seta' liberament iħalli tali xhud barra ladarba kien jaf li ma kinitx preżenti għall-inċident. Illi l-Qorti ma temminx illi kienet Pearson li nsistiet li titla' tixhed b'mod li l-imputat ċeda għal tali insistenza."

Illi din il-Qorti tinnota li lanqas teskludi l-biża' mill-appellant u, bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti tqies li l-verżjoni mogħtija minn Pearson hija aktar verosimili milli dik mogħtija mill-appellant u dana b'mod speċjali peress li l-appellant ma wieġeb bl-ebda mod konvinċenti għala xorta għadda isem u kunjom Pearson lill-avukat tiegħu biex tiġi mħarrka tixhed meta skont hu diġa' kellu xhieda oħrajn. Din il-Qorti temmen il-verżjoni ta' Pearson li l-appellant kien qalilha x'għandha tgħid.

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, b'mod partikolari meta ngħad li mhux bilfors kull kunflitt fil-provi jwassal għal-liberazzjoni tal-persuna, din il-Qorti qed tiċħad ukoll dik il-parti tal-aggravju tal-appellant dwar il-kredibilita' ta' Maria Louise Pearson.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob li jingħata piena aktar mieta. Dwar din it-talba din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha b'dan illi tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, din il-Qorti ma ssib ebda raġuni valida li minħabba fiha tbiddel il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Għandu jingħad li t-tfixkil fil-kors tal-ġustizzja huwa reat serjissimu u huwa ta' min jistmerru.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Massimo Bonello u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, inkluża l-interdizzjoni ġenerali kontra l-appellant kif ukoll l-interdizzjoni li l-appellant iservi

bħala xhud, ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja, u bħala perit, f'kull każ li jkun għal żmien għaxar snin mid-data ta' din is-sentenza.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**